



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 19 ta' Ottubru 2009 (23.10)
(OR. en)**

14679/09

PUBLIC 148

NOTA

Suġġett: SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL SETTEMBRU 2009

Dan id-dokument jikkonsisti f'dan li ġej:

- ANNESS I li fih lista ta' atti adottati mill-Kunsill f'Settembru 2009.^{1 2}
- ANNESS II li fih dettalji ulterjuri dwar l-adozzjoni ta' dawn l-atti. PARTI I tipprovdi informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti leġislattivi, bħad-data tal-adozzjoni, is-sessjoni rilevanti tal-Kunsill, in-numru tad-dokument adottat, u skont il-każ, ir-regoli applikabbli għall-votazzjoni, ir-riżultati tal-votazzjoni, l-ispejgazzjonijiet tal-votazzjoni u d-dikjarazzjonijiet ippubblikati fil-minuti tal-Kunsill. Il-PARTI II tipprovdi informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti oħrajn li l-Kunsill ikun iddeċieda li jippubblika.

¹ Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet proċedurali, ħatriet, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti bi ftehimiet internazzjonali, deċiżjonijiet baġitarji speċifiċi, eċċ.

² Fil-każ ta' atti leġislattivi adottati b'kodeċiżjoni, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-laqgħa tal-Kunsill fejn ġie adottat l-att leġislattiv u d-data reali tal-att inkwistjoni, peress li l-atti leġislattivi b'kodeċiżjoni jitqiesu adottati biss wara l-firma kemm mill-President tal-Kunsill kif ukoll mill-President tal-Parlament Ewropew u s-Segretarji Ġenerali taż-żewġ Istituzzjonijiet.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll permezz tal-Internet (<http://consilium.europa.eu>); ara taħt "Dokumenti", "Trasparenza Legislativa", "Sommarju tal-Atti tal-Kunsill". Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill ([Aċċess għal dokumenti tal-Kunsill: Reġistru Pubbliku](#)).

Għandu jiġi nnotat li huma biss il-minuti dwar l-adozzjoni definittiva tal-atti leġislattivi li huma awtentiċi. Dawn huma disponibbli permezz tal-Internet (<http://consilium.europa.eu>); ara taħt "Dokumenti", "Trasparenza Legislativa", "Minuti tal-Kunsill".

LISTA TA' ATTI ADOTTATI MILL-KUNSILL**F'SETTEMBRU 2009****L-2959 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AGRIKOLTURA u SAJD),
li saret fi Brussel fis-7 ta' Settembru 2009**

Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 (Regolament dwar il-prodotti sekondarji tal-annimali)
PE-CONS 3639/09 + REV 1 (fi) + REV 2 (bg)

Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 216/2008 fil-qasam tal-ajrudromi, il-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u s-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2006/23/KEE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
PE-CONS 3641/09 + REV 2 (sv)

Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 549/2004, (KE) Nru 550/2004, (KE) Nru 551/2004 u (KE) Nru 552/2004 sabiex jittejbu l-prestazzjoni u s-sostenibbiltà tas-sistema Ewropea tal-avjazzjoni
PE-CONS 3640/09 + REV 1 (nl) + REV 2 (sv) + REV 3 (cs)

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 826/2009 tas-7 ta' Settembru 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1659/2005 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjoni ta' ċerti briks tal-manjeżja li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (Bayuquan Refractories Company Limited)
ĠU L 240, 11.9.2009, p. 1-6

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 826/2009 tas-7 ta' Settembru 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1659/2005 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjoni ta' ċerti briks tal-manjeżja li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (Dashiqiao Sanqiang Refractory Materials Company Limited)
ĠU L 240, 11.9.2009, p. 7-11

2009/718/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tas- 7 ta' Settembru 2009 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Brażil skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 relattivament għall-modifika ta' konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija matul l-adeżjoni tagħhom mal-Unjoni Ewropea
ĠU L 354, 26.9.2009, p. 104-105

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 880/2009 tas-7 ta' Settembru 2009 dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Brażil skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 relattivament għall-modifika ta' konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija matul l-adeżjoni tagħhom mal-Unjoni Ewropea, li jemenda u jissupplimenta l-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni
ĠU L 254, 26.9.2009, p. 1-4

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE
11289/09

Pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea għad-disa' laqgħa tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni UE-Uzbekistan (Brussell, 14 ta' Settembru 2009)
12485/09

L-2960 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET ĠENERALI u RELAZZJONIJIET ESTERNI), li saret fi Brussell, fl-14 ta' Settembru 2009

Direttiva tal-Kunsill 2009/119/KE tal-14 ta' Settembru 2009 li timponi obbligu fuq l-Istati Membri biex iżommu livell minimu ta' ħażniet ta' żejt mhux maħdum u/jew ta' prodotti petroliferi
ĠU L 265, 9.10.2009, p. 9-23

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi programm ta' kooperazzjoni fis-settur awdjoviżiv ma' professjonisti minn pajjiżi terzi (MEDIA Mundus)
PE-CONS 3672/09 + REV 1 (ro) + REV 2 (el)

Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2005/35/KE dwar it-tniġġis ikkawżat minn vapuri u l-introduzzjoni ta' sanzjonijiet għal ksur (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
PE-CONS 3664/09

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar ir-Regolamenti tal-Persunal taċ-Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea
11765/09 + COR 1 (de)

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni u ta' Verifika għall-Bulgarija u r-Rumanija
12938/1/09 REV 1 + COR 1 (bu)

2009/710/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2009 li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-awdituri esterni ta' Národná banka Slovenska
ĠU L 247, 19.9.2009, p. 10-11

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-pożizzjoni Komunitarja li għandha tiġi adottata fl-Organizzazzjoni għas-Sajd fil-Majjistral tal-Atlantiku
12372/09 + COR 1 (fi) + REV 1 (lv)

L-2961 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET ĠENERALI u RELAZZJONIJIET ESTERNI), li saret fi Brussell fil-15 ta' Settembru 2009

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sudan
13320/09

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Honduras
13354/09

Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2009/709/PESK tal-15 ta' Settembru 2009 dwar il-missjoni ta' konsulenza u assistenza tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tar-riforma tas-settur tas-sigurtà fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (EUSEC RD Congo)
ĠU L 246, 18.9.2009, p. 33-37

Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2009/706/PESK tal-15 ta' Settembru 2009 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea fl-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (FYROM)
ĠU L 244, 16.9.2009, p. 25-25

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/2009 tal-15 ta' Settembru 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 682/2007 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ċertu qamħ ħelu bil-qalba ppreparat jew ippreservat li joriġina fit-Tajlandja
ĠU L 246, 18.9.2009, p. 1-6

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 862/2009 tal-15 ta' Settembru 2009 li jtemm ir-reviżjoni parzjali interim tal-miżuri anti-dumping imposti permezz tar-Regolament (KE) Nru 1487/2005 dwar importazzjonijiet ta' ċerti tessuti lesti magħmulin minn filamenti tal-polyester li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina
ĠU L 248, 22.9.2009, p. 1-8

L-2962 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (ĠUSTIZZJA u AFFARIJET INTERNI), li saret fi Brussell fil-21 ta' Settembru 2009

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Islanda u n-Norveġja dwar l-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI dwar it-titjib tal-koperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/616/ĠAI dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI dwar it-titjib tal-koperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali, kif ukoll tal-Anness tagħha
5060/09 + COR 1 + REV 1 (cs) + REV 1 COR 1 (cs)

Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom għal-libertà ta' moviment u residenza fit-territorju tal-Istati Membri
13268/09

Proċedura bil-miktub konkluża fit-22 ta' Settembru 2009

Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati f'isem il-Komunità bil-ħsieb tal-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd mal-Gżejjer Solomon
13034/09

L-2963 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (KOMPETITTIVITÀ - SUQ INTERN, INDUSTRIJA u RIĊERKA), li saret fi Brussell fl-24 u l-25 ta' Settembru 2009

Regolament tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt il-qatla (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
11272/2/09 REV 2 + REV 2 COR 1 + REV 4 (si) + REV 4 COR 1 (si) + REV 5 (bg) + REV 6 (mt) + REV 7 (es) + REV 8 (fr)

Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tas-servizzi tal-kowċ u x-xarabank, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 (tfassil mill-ġdid)(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
PE-CONS 3656/09 + COR 1 (lv)

Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu rispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' operatur tat-trasport stradali u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/26/KE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
PE-CONS 3657/09

Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport stradali tal-merkanzija (tfassil mill-ġdid)(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
PE-CONS 3658/09

Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija (Tfassil mill-ġdid) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
PE-CONS 3663/09 + COR 1(fi) + COR 2 + REV 1(lt)

Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fażi II fl-irkupru tal-fwar tal-petrol waqt ir-riforniment bil-karburant tal-vetturi bil-mutur fl-istazzjonijiet ta' servizz
PE-CONS 3669/09 + COR 1 (bg) + COR 2 (fi) + REV1 (lt)

Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/42/KE fir-rigward ta' makkinarju għall-applikazzoni tal-pestiċidi,
PE-CONS 3662/09

Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
PE-CONS 3607/09 + COR 1 (fi) + COR 2 (fi) + COR 3 (da) + REV 1 (bg) + REV 2 (lv)
+ REV 3 (sl) + REV 3 COR 1 (sl) + REV 4 (cs) + REV 5 (el) + REV 6 (fr)

Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE
PE-CONS 3608/09 + COR 1 (de) + COR 2 (dk) + COR 3 + COR 4 (fr) + REV 1 (et)
+ REV 1 COR 1 (et) + REV 2 (fi) + REV 2 COR 1 (fi) + REV 3 (sl) + REV 4 (lv)
+ REV 4 COR 1 (lv) + REV 6 (sl) + REV 7 (pt) + REV 8 (pl) + REV 9 (gr) + REV 10 (cs)
+ REV 11 (lt)

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 913/2009 tal-24 ta' Settembru 2009 li jtemm ir-reviżjoni ta' esportatur ġdid għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1174/2005 li jimponi dazju definittiv anti-dumping u jiġbor b' mod definittiv id-dazju proviżorju impost fuq importazzjonijiet ta' ċerti pallet trucks tal-idejn u l-partijiet essenzjali tagħhom li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, li jimponi mill-ġdid id-dazju fir-rigward ta' dawn l-importazzjonijiet minn esportatur partikolari f'dan il-pajjiż u li jtemm ir-reġistrazzjoni ta' dawn l-importazzjonijiet
ĠU L 258, 1.10.2009, p. 1-3

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 925/2009 tal-24 ta' Settembru 2009 li jimponi dazju anti-dumping definittiv u jiġbor b' mod definittiv id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerta fuljetta tal-aluminju li joriġinaw mill-Armenja, mill-Brażil u mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina
ĠU L 262, 6.10.2009, p. 1-18

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 926/2009 tal-24 ta' Settembru 2009 li jimponi dazju definittiv kontra d-dumping u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti pajpijiet u tubi mingħajr saldatura, tal-ħadid jew tal-azzar, li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina
ĠU L 262, 6.10.2009, p. 19-35

2009/735/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2009 li testendi l-perjodu ta' applikazzjoni tal-miżuri fid-Deċiżjoni 2007/641/KE li tikkonkludi l-konsultazzjonijiet mar-Repubblika tal-Gżejjer ta' Fiġi taħt l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE u l-Artikolu 37 tal-Istrument ta' Koperazzjoni għall-Iżvilupp
ĠU L 262, 6.10.2009, p. 43-49

Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2009/717/PESK tad-24 ta' Settembru 2009 li testendi l-Pożizzjoni Komuni 2004/694/PESK dwar miżuri ulterjuri b'sostenn għall-implimentazzjoni effettiva tal-mandat tat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għall-ex Jugoslavja (ICTY)
ĠU L 253, 25.9.2009, p. 17-17

Konklużjonijiet tal-Kunsill "Kif intejbu l-funzjonament tas-Suq Intern"
13024/09

Proċedura bil-miktub konklużi fit-30 ta' Settembru 2009

Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar membru ġdid tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej
13723/09

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATIVI SETTEMBRU 2009			
TITOLU TAL-ATT LEGISLATIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TAL-VOTAZZJONI	VOTI
L-2959 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AGRIKOLTURA u SAJD), li saret fi Brussell fis-7 ta' Settembru 2009 Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 (Regolament dwar il-prodotti sekondarji tal-annimali) Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 216/2008 fil-qasam tal-ajrudromi, il-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u s-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2006/23/KEE	PE-CONS 3639/09 + REV 1 (fi) + REV 2 (bg)	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
	PE-CONS 3641/09 + REV 2 (sv)	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Bi tweġiba għall-mistoqsija li saret mid-delegazzjoni ES dwar l-applikazzjoni tar-Regolament propost għall-Ajruport ta' Ġibiltà, id-delegazzjonijiet isibu hawn taħt it-tweġiba tal-Kummissjoni, li diġà ġiet ippreżentata verbalment lill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Avjazzjoni fis-16 ta' Frar 2009. Ġibiltà - Wara li kkunsidrat il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament kif jinsab fl-artikolu 1, ir-Regolament ma japplikax għall-ajruport ta' Ġibiltà.			
Dikjarazzjoni mir-Renju Unit u Spanja "B'rabta mad-dikjarazzjoni mill-Kummissjoni, ir-Renju Unit u Spanja jiddikjaraw li l-kontenut ta' din il-miżura ma jaffettwax il-pożizzjonijiet legali rispettivi tagħhom dwar il-kwistjoni tas-sovranità dwar it-territorju fejn jinsab l-ajruport tal-Ġibiltà			

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI
SETTEMBRU 2009**

TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TAL-VOTAZZJONI	VOTI
Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 549/2004, (KE) Nru 550/2004, (KE) Nru 551/2004 u (KE) Nru 552/2004 sabiex jittejjbu l-prestazzjoni u s-sostenibbiltà tas-sistema Ewropea tal-avjazzjoni	PE-CONS 3640/09 + REV 1 (nl) + REV 2 (sv) + REV 3 (cs)	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
L-2960 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET ĠENERALI u RELAZZJONIJIET ESTERNI), li saret fi Brussell, fl-14 ta' Settembru 2009			
Direttiva tal-Kunsill 2009/119/KE tal-14 ta' Settembru 2009 li timponi obbligu fuq l-Istati Membri biex iżommu livell minimu ta' ħażniet ta' żejt mhux maħdum u/jew ta' prodotti petroliferi	11297/09 + COR 1 (hu) + COR 2 (fi) + COR 3 (bu) + REV 1 (nl)	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Dikjarazzjoni mill-Olanda L-Olanda tilqa' t-titjib fil-mekkaniżmu tal-ħażniet taż-żejt tal-UE li ser jirriżulta minn din id-Direttiva l-ġdida, speċjalment il-konverġenza akbar bejn is-sistema Komunitarja u s-sistema prevista mill-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija. Barra minn hekk, aħna ninnotaw b'sodisfazzjon li tneħħew xi wħud mill-elementi tal-proposta inizjali li, fil-fehma tagħna, kienu detrimental. Dawn kienu jikkonċernaw is-sommarju statistiku ta' kull ġimgħa dwar il-ħażniet kummerċjali u r-restrizzjonijiet fuq iż-żamma tal-ħażniet ta' emerġenza lil hinn mill-fruntieri tal-UE. Madankollu, l-Olanda jiddispjaċiha tara li l-okkażjoni biex tittejjeb id-Direttiva fir-rigward tal-aspett importanti tas-sigurtà tal-provvista, ma tteħditx. Taħt id-Direttiva l-ġdida, ħażniet operattivi (working stocks) magħrufa bħala rekwiżiti minimi għall-funzjonament għadhom jistgħu jintużaw biex jiġu sodisfatti l-obbligi tal-ħżin. Minħabba n-natura stess tagħhom, dawn ir-rekwiżiti minimi mhux ser jikkontribwixxu għal provvista oġġla ta' żejt f'każ ta' kriżi. B'rabta mill-qrib ma' dan, ser jippersistu d-differenzi kbar fl-isforzi li l-Istati Membri jagħmlu fil-ħolqien ta' ħażniet ta' emerġenza li jkunu kompletament disponibbli. L-Olanda tappella lill-Istati Membri biex jieħdu kont ta' dan it-tħassib fir-rigward tad-disponibbiltà kompleta huma u jimplimentaw id-Direttiva.			

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI
SETTEMBRU 2009**

TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TAL-VOTAZZJONI	VOTI
Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi programm ta' kooperazzjoni fis-settur awdjoviżiv ma' professjonisti minn pajjiżi terzi (MEDIA Mundus)	PE-CONS 3672/09 + REV 1 (ro) + REV 2 (el)	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2005/35/KE dwar it-tniġġis ikkawżat minn vapuri u l-introduzzjoni ta' sanzjonijiet għal ksur (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)	PE-CONS 3664/09	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Dikjarazzjoni minn Malta Għalkemm Malta qed tivvota favur il-pakkett ta' kompromess għal test konsolidat tad-Direttiva proposta, kif imniżżel fl-Anness għad-dok. 9196/09 (datat 28 ta' April 2009), hija qed tagħmel dan bil-premessa li l-kriterju determinanti għar-reat kriminali skont il-paragrafu 3 tal-Artikolu 5a huwa d-"deterjorament fil-kwalità tal-ilma" u li għalhekk l-aċċettazzjoni ta' din id-dispożizzjoni ma tikkostitwixxix aċċettazzjoni tal-kriminalizzazzjoni ta' reati minuri ripetuti. Għalhekk, l-aċċettazzjoni minn Malta hija bbażata fuq fehim strett li dan ma jikkostitwixxix preċedent fi kwalunkwe strument ieħor li jipprevedi reati kriminali.			
L-2963 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (KOMPETITTIVITÀ - SUQ INTERN, INDUSTRIJA u RIĊERKA), li saret fi Brussell fl-24 u l-25 ta' Settembru 2009			
Regolament tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt il-qatla (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)	11272/2/09 REV 2 + REV 2 COR 1 + REV 4 (si) + REV 4 COR 1 (si) + REV 5 (bg) + REV 6 (mt) + REV 7 (es) + REV 8 (fr)	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, ħlief: astensjoni EN, NL, RO

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI
SETTEMBRU 2009**

TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TAL-VOTAZZJONI	VOTI
Dikjarazzjoni mid-Delegazzjoni Estonjana, dik Latvjana u dik Rumena L-Estonja, il-Latvja u r-Rumanija jilqgħu l-prinċipji tat-trattament xieraq tal-annimali infurzati mill-abbozz ta' leġislazzjoni, li, meta implimentati, minbarra titjib sinifikanti fit-trattament xieraq tal-annimali, jagħtu wkoll spinta għall-iżvilupp ta' teknoloġiji implimentati fl-industrija tal-qtil tal-annimali u jarmonizzaw il-kondizzjonijiet tal-kompetizzjoni tas-suq intern. Sfortunatament, aħna ma nistgħux naqblu mal-estensjoni tal-metodi ta' sturdament implimentati għall-qtil tal-annimali għall-konsum domestiku privat. Mingħajr ma nikkontestaw il-prinċipju ġenerali tal-isturdament tal-annimali qabel il-qtil, aħna jidhrilna li qed nitrattaw kwistjoni li tirregola f'wisq dettall qasam li ma jinfluwenzax is-suq intern, u lanqas il-kummerċ, li, mingħajr mekkaniżmi addizzjonali ta' kontroll joħloq problemi amministrattivi kif ukoll politiċi fl-implimentazzjoni tar-Regolament. Aħna jidhrilna li skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà, ir-regolament aktar speċifiku dwar il-qtil għall-konsum privat għandu jitħalla għall-ġurisdizzjoni tal-Istat Membru. Aħna nħeġġu lill-Parlament Ewropew, lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Kunsill biex jimmobilizzaw l-isforzi u r-riżorsi kollha possibbli għal dan il-għan. Dikjarazzjoni tad-Delegazzjoni Franċiża u dik Spanjola Franza u Spanja jikkunsidraw li huwa essenzjali li prodotti importati jissodisfaw rekwiżiti li jistgħu jitqabblu ma' dawk imposti fuq prodotti Komunitarji, jekk mhux identiċi għalihom, f'termini kemm ta' trattament xieraq tal-annimali kif ukoll tas-saħħa tal-pjanti. B'mod partikolari, l-importazzjoni ta' prodotti ppreparati f'modi li ma jikkonformawx mal-kriterji mfasslin biex jilħqu l-aspettattivi taċ-ċittadini Ewropej, m'għandux iġib fix-xejn l-importanza mogħtija miċ-ċittadini għat-trattament xieraq tal-annimali, kif jidher mill-Protokoll dwar il-protezzjoni u t-trattament xieraq tal-annimali li huwa anness għat-Trattat ta' Amsterdam. Barra minn hekk, huwa probabbli li l-applikazzjoni ta' rekwiżiti għall-importazzjonijiet li huma anqas stretti minn dawk applikabbli għall-operaturi Ewropej toħloq kondizzjonijiet mhux favorevoli għall-kompetizzjoni għalihom, kif indikat fil-memorandum ippreżentat mill-Kunsill Agrikoltura fit-23 ta' Ġunju 2008. F'dan ir-rigward, Franza u Spanja jiġbdu l-attenzjoni tal-Kummissjoni għall-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill fit-18 ta' Diċembru 2008 dwar is-sikurezza ta' prodotti agrikoli u agroalimentari importati u l-konformità mar-regoli Komunitarji, b'mod partikolari l-paragrafi 4.7 u 4.8. Franza u Spanja jilqgħu l-inserzjoni ta' klawnsola dwar l-importazzjoni f'dan ir-Regolament u jistiednu lill-Kummissjoni biex tiżgura li stabbilimenti ta' pajjiżi terzi approvati għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea jissodisfaw l-ispeċifikazzjonijiet kollha tal-Kapitoli II u III. Huma jikkunsidraw ukoll li ċ-ċertifikazzjoni tat-trattament xieraq tal-annimali għandha tkun relatata kemm ma' laħam frisk kif ukoll ma' prodotti u preparazzjonijiet tal-laħam.			

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI
SETTEMBRU 2009**

TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TAL-VOTAZZJONI	VOTI
Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tas-servizzi tal-kowċ u x-xarabank, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 (tfassil mill-ġdid)	PE-CONS 3656/09 + COR 1 (lv)	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Dikjarazzjoni unilaterali mid-delegazzjoni tar-Renju Unit Minn meta ġew ippubblikati l-proposti tal-Kummissjoni f'Mejju 2007, kienet il-fehma ġenerali li t-tliet Regolamenti li għandhom jiġu adottati llum kellhom jiġu negozjati bħala pakkett u għalhekk b'data ta' implimentazzjoni komuni. Ir-Renju Unit aċċetta r-regoli ġodda dwar il-kabotaġġ bil-ħsieb li dawn jiġu bbilanċjati b'dispożizzjonijiet ta' infurzar tas-sigurtà fir-Regolament dwar l-Aċċess għall-Impjieg (eż. il-kapaċità li wieħed jirrapporta dwar trasportaturi li jwettqu ksur f'pajjiż ospitanti lill-pajjiż tagħhom sabiex tittieħed kontribom azzjoni xierqa). Kien b'din il-fehma li l-UK iffirmat il-Ftehim Politiku milħuq fil-Kunsill Trasport f'Ġunju 2008. UK tifhem ix-xewqa tal-Parlament Ewropew u xi Stati Membri oħra biex jaraw implimentazzjoni bikrija tar-regoli tal-kabotaġġ sabiex tinkiseb ċarezza legali u jkun hemm kondizzjonijiet standardizzati. UK, mandankollu, hija ddiżappuntata li l-implimentazzjoni mhix ser tipproċedi abbażi ta' dak li kien ġie miftihem oriġinarjament. Ir-Renju Unit jappoġġa r-Regolamenti l-ġodda u għalhekk illum ser jivvota favurijhom, iżda sinċerament jittama li fi kwalunkwe negozjat futur dwar pakkett ta' miżuri bħall-proposti dwar it-Trasport bit-Triq ma jkunx hemm diżrispett tal-impenji miftehma fir-rigward tad-dati ta' implimentazzjoni komuni stabbiliti mill-bidu nett tan-negozjati, bħal ma ġara hawnhekk.			
Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu rispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' operatur tat-trasport stradali u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/26/KE	PE-CONS 3657/09	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI
SETTEMBRU 2009**

TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TAL-VOTAZZJONI	VOTI
Dikjarazzjoni unilaterali mid-delegazzjoni tar-Renju Unit Minn meta ġew ippubblikati l-proposti tal-Kummissjoni f'Mejju 2007, kienet il-fehma ġenerali li t-tliet Regolamenti li għandhom jiġu adottati llum kellhom jiġu negozjati bħala pakkett u għalhekk b'data ta' implimentazzjoni komuni. Ir-Renju Unit aċċetta r-regoli ġodda dwar il-kabotaġġ bil-ħsieb li dawn jiġu bbilanċjati b'dispożizzjonijiet ta' infurzar tas-sigurtà fir-Regolament dwar l-Aċċess għall-Impjieġ (eż. il-kapaċità li wieħed jirrapporta dwar trasportaturi li jwettqu ksur f'pajjiż ospitanti lill-pajjiż tagħhom sabiex tittieħed kontribom azzjoni xierqa). Kien b'din il-fehma li l-UK iffirmit il-Ftehim Politiku milħuq fil-Kunsill Trasport f'Ġunju 2008. UK tifhem ix-xewqa tal-Parlament Ewropew u xi Stati Membri oħra biex jaraw implimentazzjoni bikrija tar-regoli tal-kabotaġġ sabiex tinkiseb ċarezza legali u jkun hemm kondizzjonijiet standardizzati. UK, mandankollu, hija ddiżappuntata li l-implimentazzjoni mhix ser tipproċedi abbażi ta' dak li kien ġie miftihem oriġinarjament. Ir-Renju Unit jappoġġa r-Regolamenti l-ġodda u għalhekk illum ser jivvota favurijhom, iżda sinċerament jittama li fi kwalunkwe negozjat futur dwar pakkett ta' miżuri bħall-proposti dwar it-Trasport bit-Triq ma jkunx hemm diżrispett tal-impenji miftehma fir-rigward tad-dati ta' implimentazzjoni komuni stabbiliti mill-bidu nett tan-negozjati, bħal ma ġara hawnhekk.			
Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport stradali tal-merkanzija (tfassil mill-ġdid) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)	PE-CONS 3658/09	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, ħliet: astensjoni: IT kontra: AT
Dikjarazzjoni Unilaterali mid-delegazzjoni tar-Renju Unit Minn meta ġew ippubblikati l-proposti tal-Kummissjoni f'Mejju 2007, kienet il-fehma ġenerali li t-tliet Regolamenti li għandhom jiġu adottati llum kellhom jiġu negozjati bħala pakkett u għalhekk b'data ta' implimentazzjoni komuni. Ir-Renju Unit aċċetta r-regoli ġodda dwar il-kabotaġġ bil-ħsieb li dawn jiġu bbilanċjati b'dispożizzjonijiet ta' infurzar tas-sigurtà fir-Regolament dwar l-Aċċess għall-Impjieġ (eż. il-kapaċità li wieħed jirrapporta dwar trasportaturi li jwettqu ksur f'pajjiż ospitanti lill-pajjiż tagħhom sabiex tittieħed kontribom azzjoni xierqa). Kien b'din il-fehma li l-UK iffirmit il-Ftehim Politiku milħuq fil-Kunsill Trasport f'Ġunju 2008. UK tifhem ix-xewqa tal-Parlament Ewropew u xi Stati Membri oħra biex jaraw implimentazzjoni bikrija tar-regoli tal-kabotaġġ sabiex tinkiseb ċarezza legali u jkun hemm kondizzjonijiet standardizzati. UK, mandankollu, hija ddiżappuntata li l-implimentazzjoni mhix ser tipproċedi abbażi ta' dak li kien ġie miftihem oriġinarjament.			

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI
SETTEMBRU 2009

TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TAL-VOTAZZJONI	VOTI
Ir-Renju Unit jappoġġa r-Regolamenti l-ġodda u għalhekk illum ser jivvota favurihom, iżda sinċerament jittama li fi kwalunkwe negozjat futur dwar pakkett ta' miżuri bħall-proposti dwar it-Trasport bit-Triq ma jkunx hemm diżrispett tal-impenji miftehma fir-rigward tad-dati ta' implimentazzjoni komuni stabbiliti mill-bidu nett tan-negozjati, bħal ma ġara hawnhekk. Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni 1. Il-Kummissjoni għandha ssegwi mill-qrib l-effikaċja li biha l-Istati Membri jwettqu l-kontrolli tar-reġim il-ġdid ta' kabotaġġ u ser tinkludi valutazzjoni dwar l-effikaċja ta' dawn il-kontrolli fl-ewwel rapport dwar l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni soċjali u l-iżviluppi fit-trasport bit-triq li għandha tressaq lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (ara l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 561/2006) wara li jidħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet dwar il-kabotaġġ. 2. L-Artikolu 17(3) tar-Regolament dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport tal-merkanzija bit-triq jipprevedi li sa tmiem is-sena 2013 il-Kummissjoni għandha tfassal rapport dwar l-istat tas-suq Komunitarju tat-trasport bit-triq, li għandu jinkludi valutazzjoni dwar jekk l-armonizzazzjoni tar-regoli fid-diversi oqsma, fosthom, regoli dwar l-infurzar u l-imposti għall-utenti tat-triq, kif ukoll il-leġiżlazzjoni soċjali u dik dwar is-sikurezza, tkunx laħqet livell biżżejjed li jkun jista' jitqies aktar ftuħ tas-swieq domestiċi tat-trasport bit-triq, inkluż il-kabotaġġ. Jekk il-valutazzjoni tkun favur din il-konklużjoni, il-Kummissjoni tressaq proposti xierqa. Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Taljana L-Italja tinnota li l-abbozz ta' Regolament dwar il-kabotaġġ fuq it-trasport bit-triq jinkludi xi aspetti li mhumiex sodisfaċenti: * it-termini ta' promulgazzjoni u, parzjalment, il-premessa 15 li tirregola s-servizzi fuq bażi temporanja ma jinkludux dispożizzjoni dwar il-fatt li l-kabotaġġ m'għandux isir attività permanenti, kontinwa jew sistematika; * fl-Artikolu 8, id-dispożizzjonijiet dwar l-evidenza ta' prestazzjoni xierqa ta' operazzjonijiet ta' kabotaġġ u l-projbizzjoni tal-ħtieġa għal dokumenti oħrajn li jippruvaw li l-kondizzjonijiet tal-funzjonament ikunu ġew sodisfatti jidhru li mhumiex biżżejjed biex jiġi evitat ir-riskju ta' evażjoni mir-restrizzjonijiet fuq il-prestazzjoni tal-kabotaġġ; * fl-Artikolu 17, id-data tal-aħħar tal-2013 għar-rapport tal-Kummissjoni li jkun fih analiżi tas-suq tat-trasport u valutazzjoni tal-progress fl-armonizzazzjoni hija bikrija wisq. L-Italja tqis li għandu jittieħed kont tad-differenzi li jeżistu fis-suq Komunitarju li jirriżultaw minn kondizzjonijiet oġġettivi mingħajr dubju differenti tas-swieq individwali tal-Istati Membri, li saru dejjem aktar ovvjati wara t-tkabbir tal-Unjoni. Għaldaqstant il-kabotaġġ għandu jkun irregolat b'tali mod li din il-prattika tintuża biss għall-funzjoni tagħha, li tista' biss tkun temporanja, kif iddikjarat fit-Trattat rigward il-provvista ta' servizzi.			

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI
SETTEMBRU 2009**

TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TAL-VOTAZZJONI	VOTI
Minħabba d-differenzi msemija hawn fuq, huwa meħtieġ li jitħalla żmien biżżejjed biex is-suq tat-trasport jilħaq jistabbilixxi ruħu sabiex tinkiseb integrazzjoni sostantiva u jiġu evitati effetti negattivi fuq is-swieq nazzjonali individwali. Għall-istess raġuni, ir-rapport tal-Kummissjoni m'għandux ikun ippreżentat kmieni wisq, sabiex jiġi żgurat li r-regoli l-ġodda dwar il-kabotaġġ ma jkollhomx żmien ta' operazzjoni u verifika inadegwat, inkluż frabta mal-iskadenzi previsti għall-applikazzjoni tagħhom.			
Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija (Tfassil mill-ġdid) (Test b'relevanza għaż-ŻEE)	PE-CONS 3663/09 + COR 1 (fi) + COR 2 + REV 1 (lt)	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Il-Kummissjoni tiddikjara li l-adozzjoni tal-estensjoni proposta tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija mhux ser taffettwa l-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma attwalment stabbilit. Barra minn hekk, fl-istabbiliment tal-programm ta' ħidma u fil-proposta ta' miżuri implimentattivi ġodda taħt id-Direttiva mfassla mill-ġdid, il-Kummissjoni ser tieħu kont dovut tal-esperjenza miksuba taħt id-Direttiva. F'konformità mal-Artikolu 15(2)(c) tad-Direttiva u l-prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar, il-Kummissjoni ser tistinka b'mod partikolari biex tiżgura li tinżamm konsistenza ġenerali fil-leġislazzjoni tal-UE dwar il-prodotti. Barra minn hekk, fil-valutazzjoni ta' kemm hu adatt li jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva għal prodotti mhux relatati mal-enerġija skont l-Artikolu 21, il-Kummissjoni ser tikkunsidra l-hteġa li tiġi adatta l-metodoloġija għall-identifikazzjoni u l-indirizzar ta' parametri ambjentali sinifikattivi għal dawn il-prodotti.			

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI
SETTEMBRU 2009**

TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TAL-VOTAZZJONI	VOTI
Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fażi II fl-irkupru tal-fwar tal-petrol waqt ir-riforniment bil-karburant tal-vetturi bil-mutur fl-istazzjonijiet ta' servizz	PE-CONS 3669/09 + COR 1 (bg) + COR 2 (fi) + REV1 (lt)	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Il-Kummissjoni tieħu nota tat-tħassib tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Artikolu 8, li għandu l-mira li jiggaratixxi, jekk meħtieġ, il-koerenza fir-rigward tal-istandards rilevanti stabbiliti mill-Kumitat Ewropew tal-Istandardizzazzjoni (CEN), u ser teżamina l-kwistjoni bl-attenzjoni kollha meħtieġa. Hija madankollu tenfasizza li tirriżerva d-dritt li twieġeb għal dan it-tħassib f'konformità mar-regoli tat-Trattat, u b'konsiderazzjoni dovuta tas-setgħat li huma kkonferiti lilha għall-implimentazzjoni ta' dik id-dispożizzjoni.			
Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/42/KE fir-rigward ta' makkinarju għall-applikazzjoni tal-pestiċidi (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)	PE-CONS 3662/09	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Bil-għan li tappoġġja r-rekwiżiti essenzjali inklużi fit-Taqsima 2.4 tal-Anness I, il-Kummissjoni ser taħtar lis-CEN sabiex jiżviluppa standards armonizzati għal kull kategorija ta' makkinarju għall-applikazzjoni tal-pestiċidi bbażat fuq l-aħjar tekniki disponibbli biex jiġi evitat l-esponiment mhux intenzjonat tal-ambjent għall-pestiċidi. B'mod partikulari, il-mandat se jirrikjedi l-istandards biex jingħataw kriterji u speċifikazzjonijiet tekniċi għat-twaħħil ta' lqugħ mekkaniku, tunnel spraying u sistemi ta' assistenza bl-arja (pnewmatika) għall-isprej, biex jiġi evitat li jkun hemm tniġġis tas-sors tal-ilma waqt il-mili u t-tbattil u speċifikazzjonijiet preċiżi għall-istruzzjonijiet tal-manifattur biex jiġi evitat li jkun hemm tixrid tal-pestiċidi, filwaqt li jitqiesu l-parametri rilevanti kollha bħaż-żnienen, il-pressure, l-għoli tal-boom, il-qawwa tar-riħ, it-temperatura tal-arja, l-umdità, u l-veloċità tal-moviment tal-makkinarju.			

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI
SETTEMBRU 2009**

TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TAL-VOTAZZJONI	VOTI
Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)	PE-CONS 3607/09 + COR 1 (fi) + COR 2 (fi) + COR 3 (da) + REV 1 (bg) + REV 2 (lv) + REV 3 (sl) + REV 3 COR 1(sl) + REV 4 (cs) + REV 5 (el) + REV 6 (fr)	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur ħlief: astensjoni: IE, PL

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tinnota li ċerti Stati Membri kellhom diffikultajiet speċifiċi fil-qasam tal-isprejar mill-art, minħabba t-tip ta' ħamrija preżenti f'bosta minn dawn l-Istati Membri, u li f'ċerti kondizzjonijiet klimatiċi dan jista' jfisser li l-metodi barra l-isprejar mill-arja ma jkunux prattiċi.

Dikjarazzjoni Pollakka dwar id-Direttiva li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi

Ir-Repubblika tal-Polonja tikkunsidra li hu importanti ħafna li jiġu mitigati l-effetti negattivi tal-użu tal-pestiċidi fuq l-ambjent u s-saħħa tal-bniedem u tirrikonoxxi l-ħtieġa li din il-kwistjoni tiġi rregolata f'livell Komunitarju.

Madankollu, ir-Repubblika tal-Polonja hi tal-fehma li l-Artikolu 4 tad-Direttiva, li jimponi dazju biex jiġu stabbiliti miri biex tkun limitata l-kwantità ta' pestiċidi li jintużaw li fihom sustanzi attivi potenzjalment perikolużi, ma jieħux kont taċ-ċirkostanzi differenti fl-Istati Membri Għalhekk peress li r-Repubblika tal-Polonja ma tistax tappoġġja d-Direttiva kompletament, hija qiegħda tastjeni.

Il-livelli tal-pestiċidi użati hu differenti minn Stat Membru għal ieħor, skont il-kondizzjonijiet tat-temp, it-tipi ta' pjanti u l-organiżmi ta' ħsara, u r-riżorsi finanzjarji tal-bdiewa. Id-Direttiva tobbliga lill-Istati Membri biex inaqqsu l-użu tal-pestiċidi anke fejn il-livelli attwali huma baxxi. L-implimentazzjoni ta' dan ir-rekwiżit tista' tnaqqas il-produzzjoni b'mod sinifikanti u taffettwa b'mod negattiv l-effiċjenza tal-produzzjoni agrikola mingħajr ma jkollha ebda effett sinifikanti fuq il-livell tal-protezzjoni tal-ambjent jew is-saħħa tal-bniedem.

Ir-Repubblika tal-Polonja hi tal-fehma li r-riskji assoċjati mal-użu tal-pestiċidi ser jiġu mitigati b'mod sinifikanti bl-implimentazzjoni ta' rekwiżiti oħra

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI SETTEMBRU 2009			
TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TAL-VOTAZZJONI	VOTI
stabbiliti fid-Direttiva u l-proċedura bbażata fuq il-valutazzjoni tar-riskju għall-approvazzjoni ta' pestiċidi definita fir-Regolament dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti. Barra minn hekk, fir-rigward tal-Artikolu 9(2)(e) tad-Direttiva, il-Polonja tassumi li l-miżuri dettaljati dwar il-ġestjoni tar-riskju biex jiġi evitat kwalunkwe effett negattiv fuq is-saħħa ta' persuni fil-qrib ser jitfasslu mill-utent professjonali li japplika għall-approvazzjoni biex iwettaq l-isprejar mill-arja, meħmuża mal-applikazzjoni rilevanti, u sussegwentement inklużi fl-approvazzjoni.			
Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE	PE-CONS 3608/09 + COR 1 (de) + COR 2 (dk) + COR 3 + COR 4 (fr) + REV 1 (et) + REV 1 COR 1 (et) + REV 2 (fi) + REV 2 COR 1 (fi) + REV 3 (sl) + REV 4 (lv) + REV 4 COR 1 (lv) + REV 6 (sl) + REV 7 (pt) + REV 8 (pl) + REV 9 (gr) + REV 10 (cs) + REV 11 (lt)	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur ħlief: astensjoni: IE, HU kontra: UK

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI
SETTEMBRU 2009**

TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TAL-VOTAZZJONI	VOTI
Dikjarazzjoni mill-Ungerija L-Ungerija tagħraf l-importanza ta' sistema ta' awtorizzazzjoni armonizzata u bbilanċjata tajjeb u t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u tirrikonoxxi l-ħtieġa kostanti li jogħlew l-istandards tas-saħħa tal-konsumatur. Għalhekk, hija tilqa' u tappoġġa l-għanijiet ġenerali tal-abbozz tal-leġislazzjoni komuni ġdida fir-rigward tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti. L-Ungerija tagħraf li r-rikonoxximent reċiproku huwa strument utli biex jiġi żgurat li l-mezzi ta' produzzjoni bħall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jkunu disponibbli b'mod wiesa' sabiex jitpoġġew is-sisien għal kultivazzjoni sikura. Madankollu, is-sistema ta' żoni stabbilita mir-regolament għal rikonoxximent reċiproku tiżgura li ż-żona ċentrali u ż-żona tan-nofsinar ma jistgħux ikunu kkunsidrati bħala żona agro-ekoloġika fejn il-kondizzjonijiet agrikoli, tas-saħħa tal-pjanti, ambjentali, agro-ekoloġiċi u dawk klimatiċi f'żewġ Stati Membri huma komparabbli. Fl-opinjoni tagħna, is-sistema ta' rikonoxximent reċiproku obbligatorju mhijiex ibbażata fuq il-prinċipju ta' sussidjarjetà. It-test approvat – minkejja emendi żgħar f'din id-direzzjoni – għadu mingħajr garanziji suffiċjenti li verament ser jittieħed kont tal-partikolaritajiet lokali matul il-proċedura. L-Ungerija tirrikonoxxi li għandu jkun hemm definizzjoni aktar rigoruża tar-riskju ta' effetti tasew ta' ħsara fuq il-konsumaturi mill-użu ta' interferenti endokrinali. Madankollu, f'dan ir-rigward, għalkemm it-test tal-proposta jeħtieġ li jiġi żviluppat aktar fir-rigward tal-istabbiliment futur ta' kriterji endokrinali, aħna xorta waħda nemmnu li fl-assenza tagħhom, il-miżuri ppjanati ser ikomplu jillimitaw b'mod eċċessiv in-numru ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti disponibbli biex jikkumbattu l-parassiti li jaffettwaw pjanti strateġikament importanti. L-Ungerija enfasizzat ukoll it-tħassib imsemmi hawn fuq fil-Kunsill Agrikoltura u Sajd li sar f'Ġunju 2008, fejn hija astjeniet mill-votazzjoni. Għalkemm il-Presidenza b'rotazzjoni, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għamlu sforzi kbar waqt id-diskussjonijiet, ma rnexxilhomx isibu soluzzjoni sodisfaċenti biex jindirizzaw id-dubbi espressi. Għalhekk, l-Ungerija għal darb'oħra tastjeni mill-votazzjoni dwar il-proposta rigward it-tqegħid ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fis-suq.			

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI
SETTEMBRU 2009**

TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TAL-VOTAZZJONI	VOTI
Dikjarazzjoni mir-Renju Unit Ir-Renju Unit jappoġġa qafas ibbażat fuq ix-xjenza li jkompli jnaqqas ir-riskji għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, filwaqt li jappoġġa l-produzzjoni ekonomika tal-uċuħ tar-raba' u l-kontroll tal-parassiti, ħaxix ħażin u mard. Għalhekk, ir-Renju Unit jilqa' l-parti l-kbira tar-Regolament il-ġdid, li joffri bilanċ raġonevoli bejn dawn il-prijoritajiet f'haqna aspetti. Ir-Renju Unit jaqbel li l-użu fi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ta' sustanzi li għandhom proprjetajiet li jinterferixxu fuq is-sistema endokrinali li jistgħu jikkawżaw effetti negattivi fil-bnedmin għandhom ikunu kkontrollati b'mod adatt. Madankollu, ir-Renju Unit jinnota li l-konsumaturi huma esposti għal sustanzi li jinterferixxu fuq s-sistema endokrinali minn diversi sorsi, inklużi farmaċewtiċi u oġġetti tal-ikel bħal-laħam u ż-żrieragħ tal-ikel. Barra minn hekk, xi sustanzi li jistgħu ma jissodisfawx dan il-kriterju, huma kruċjali għall-protezzjoni tal-uċuħ tar-raba' fir-Renju Unit, u aħna nemmnu, f'postijiet oħra fl-Unjoni Ewropea. Ir-Renju Unit huwa mħasseb li din id-dispożizzjoni importanti mhix definittiva, u għalhekk mhi possibbli ebda valutazzjoni adatta tal-impatt potenzjali tagħha fuq l-agrikoltura fl-Unjoni Ewropea, jew tal-benefiċċji għall-konsumaturi. Ir-Renju Unit enfasizza ripetutament l-importanza tal-fehim tal-impatt ta' dawn il-miżuri qabel ma jkun jista' jikkommetti ruħu għar-Regolament. Mingħajr dan il-fehim, l-UE tinsab fir-riskju li tiegħu miżuri li jkollhom impatti negattivi sinifikanti fuq il-protezzjoni tal-uċuħ tar-raba' iżda li ma jiżguraw l-ebda benefiċċju sinifikanti għas-saħħa tal-konsumaturi. Ir-Renju Unit saħaq dwar dan it-tħassib fil-Kunsill Agrikoltura u Sajd f'Ġunju 2008, meta astjena mill-votazzjoni dwar qbil politiku, u jinnota b'dispjaċir li dan it-tħassib għadu mhux qed jiġi indirizzat. Għalhekk, ir-Renju Unit jivvota kontra r-Regolament. Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Fir-reviżjoni tar-rekwiżiti dwar id-data għal sustanzi attivi u prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, kif imsemmi fl-Artikolu 8 (1) b) u c), il-Kummissjoni ser tagħti attenzjoni partikolari biex tistudja l-protokoll li jippermettu valutazzjoni tar-riskju li tikkunsidra l-espożizzjoni reali tan-naħal għal dawn il-prodotti, b'mod partikolari permezz tan-nektar u l-polline.			

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATIVI OĦRAJN SETTEMBRU 2009	
ATTI OĦRAJN	Voti/Dikjarazzjonijiet ippubblikati
L-2959 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AGRIKOLTURA u SAJD), li saret fi Brussell fis-7 ta' Settembru 2009 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 826/2009 tas-7 ta' Settembru 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1659/2005 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjoni ta' ċerti briks tal-manjeżja li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (Bayuquan Refractories Company Limited) 12649/09 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 826/2009 tas-7 ta' Settembru 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1659/2005 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjoni ta' ċerti briks tal-manjeżja li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (Dashiqiao Sanqiang Refractory Materials Company Limited) 12659/09 + COR 1 (de) 2009/718/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2009 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Brażil skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 relattivament għall-modifika ta' konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija matul l-adeżjoni tagħhom mal-Unjoni Ewropea 12107/2/09 REV 2	

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN SETTEMBRU 2009	
ATTI OĦRAJN	Voti/Dikjarazzjonijiet ippubblikati
Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 880/2009 tas-7 ta' Settembru 2009 dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Brażil skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 relattivament għall-modifika ta' konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija matul l-adeżjoni tagħhom mal-Unjoni Ewropea, li jemenda u jissupplimenta l-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni 12104/09 + COR 1 (fi) Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar in-Negożjati rigward l-Artikolu XXIV:6 tal-Gatt Il-Kummissjoni b'dan tiddikjara li l-Kumitat tal-Artikolu 133 ser ikompli jiġi kkonsultat dwar in-negożjati kollha rigward l-Artikolu XXIV:6 tal-GATT, inkluż qabel l-iffirmar ta' ftehimiet bħal dawn, bl-għan li tinżamm it-trasparenza u l-akkuratezza legali. Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE 11289/09 Pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea għad-disa' laqgħa tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni UE-Uzbekistan (Brussell, 14 ta' Settembru 2009) 12485/09 L-2960 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJET ĠENERALI u RELAZZJONIJIET ESTERNI), li saret fi Brussell, fl-14 ta' Settembru 2009 Deċiżjoni tal-Kunsill dwar ir-Regolamenti tal-Persunal taċ-Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea 11765/09 + COR 1 (de)	

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN
SETTEMBRU 2009**

ATTI OĦRAJN	Voti/Dikjarazzjonijiet ippubblikati
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni u ta' Verifika għall-Bulgarija u r-Rumanija 12938/1/09 REV 1 + COR 1 (bu) 2009/710/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2009 li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-awdituri esterni ta' Národná banka Slovenska 12456/09 Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-pożizzjoni Komunitarja li għandha tiġi adottata fl-Organizzazzjoni għas-Sajd fil-Majjistral tal-Atlantiku 12372/09 + COR 1 (fi) + REV 1 (lv) L-2961 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJET ĠENERALI u RELAZZJONIJIET ESTERNI), li saret fi Brussell fil-15 ta' Settembru 2009 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sudan 13320/09 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Ħonduras 13354/09 Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2009/709/PESK tal-15 ta' Settembru 2009 dwar il-missjoni ta' konsulenza u assistenza tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tar-riforma tas-settur tas-sigurtà fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (EUSEC RD Congo) 12604/09 + COR 1 (fi)	

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN
SETTEMBRU 2009**

ATTI OĦRAJN	Voti/Dikjarazzjonijiet ippubblikati
Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2009/706/PESK tal-15 ta' Settembru 2009 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea fl-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (FYROM) 12147/09 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/2009 tal-15 ta' Settembru 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 682/2007 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ċertu qamħ ħelu bil-qalba ppreparat jew ippreservat li joriġina fit-Tajlandja 12719/09 + COR 1 (lt) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 862/2009 tal-15 ta' Settembru 2009 li jtemm ir-reviżjoni parzjali interim tal-miżuri anti-dumping imposti permezz tar-Regolament (KE) Nru 1487/2005 dwar importazzjonijiet ta' ċerti tessuti lesti magħmulin minn filamenti tal-polyester li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina 12706/09 L-2962 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (ĠUSTIZZJA u AFFARIJET INTERNI), li saret fi Brussell fil-21 ta' Settembru 2009 Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Islanda u n-Norveġja dwar l-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI dwar it-titjib tal-koperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali, u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/616/ĠAI dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI dwar it-titjib tal-koperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali, kif ukoll tal-Anness tagħha 5060/09 + COR 1 + REV 1 (cs) + REV 1 COR 1 (cs)	

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN
SETTEMBRU 2009**

ATTI OĦRAJN

Voti/Dikjarazzjonijiet ippubblikati

Dikjarazzjoni mir-Repubblika Ċeka

F'konformità mal-Artikolu 24 (5) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, ir-Repubblika Ċeka tiddikjara li hija għandha tikkonforma mar-rekwiżiti tal-proċedura kostituzzjonali tagħha sabiex tkun marbuta bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Islanda u n-Norveġja dwar l-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI dwar it-titjib tal-koperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali, u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/616/ĠAI dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI dwar it-titjib tal-koperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali, kif ukoll tal-Anness tagħha.

Dikjarazzjoni mid-Danimarka

F'konformità mal-Artikolu 38, ara l-Artikolu 24(5) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex marbuta bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Islanda u n-Norveġja sakemm ikun hemm konformità mar-rekwiżiti tal-proċeduri kostituzzjonali Daniżi.

Dikjarazzjoni mir-Repubblika tal-Polonja

F'konformità mal-Artikolu 24(5) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, ir-Repubblika tal-Polonja tiddikjara li l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Islanda u n-Norveġja dwar l-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI dwar it-titjib tal-koperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali, u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/616/ĠAI dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI dwar it-titjib tal-koperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali, kif ukoll tal-Anness tagħha, għandu jsir vinkolanti għaliha u għandu jiġi applikat proviżorjament mid-data tal-konklużjoni tal-proċeduri kostituzzjonali interni tagħha.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom għal-libertà ta' moviment u residenza fit-territorju tal-Istati Membri
13268/09

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN
SETTEMBRU 2009**

ATTI OĦRAJN	Voti/Dikjarazzjonijiet ippubblikati
Proċedura bil-miktub konkluża fit-22 ta' Settembru 2009 Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati f'isem il-Komunità bil-ħsieb tal-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd mal-Gżejjer Solomon 13034/09 L-2963 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (KOMPETITTIVITÀ -SUQ INTERN, INDUSTRIJA u RIĊERKA), li saret fi Brussell fl-24 u l-25 ta' Settembru 2009 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 913/2009 tal-24 ta' Settembru 2009 li jtemm ir-reviżjoni ta' esportatur ġdid għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1174/2005 li jimponi dazju definittiv anti-dumping u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq importazzjonijiet ta' ċerti pallet trucks tal-idejn u l-partijiet essenzjali tagħhom li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, li jimponi mill-ġdid id-dazju fir-rigward ta' dawn l-importazzjonijiet minn esportatur partikolari f'dan il-pajjiż u li jtemm ir-reġistrazzjoni ta' dawn l-importazzjonijiet 12831/09 + REV 1 (lt) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 925/2009 tal-24 ta' Settembru 2009 li jimponi dazju anti-dumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerta fuljetta tal-aluminju li joriġinaw mill-Armenja, mill-Brażil u mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina 12984/09 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 926/2009 tal-24 ta' Settembru 2009 li jimponi dazju definittiv kontra d-dumping u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti pajpijiet u tubi mingħajr saldatura, tal-ħadid jew tal-azzar, li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina 13014/09	

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN
SETTEMBRU 2009**

ATTI OĦRAJN	Voti/Dikjarazzjonijiet ippubblikati
2009/735/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2009 li testendi l-perjodu ta' applikazzjoni tal-miżuri fid-Deċiżjoni 2007/641/KE li tikkonkludi l-konsultazzjonijiet mar-Repubblika tal-Gżejjer ta' Fiġi taħt l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE u l-Artikolu 37 tal-Istrument ta' Koperazzjoni għall-Iżvilupp 13087/09 Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2009/717/PESK tad-24 ta' Settembru 2009 li testendi l-Pożizzjoni Komuni 2004/694/PESK dwar miżuri ulterjuri b'sostenn għall-implimentazzjoni effettiva tal-mandat tat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għall-ex Jugoslavja (ICTY) 12896/09 Konklużjonijiet tal-Kunsill "Kif intejbu l-funzjonament tas-Suq Intern" 13024/09 Proċedura bil-miktub konklużi fit-30 ta' Settembru 2009 Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar membru ġdid tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej 13723/09	